**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 26 ta' Novembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Omississ**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' omississ detentur tal-karta tal-identita bin-numru 324901L

Akkuzat talli matul is-sena 2018 gewwa dawn il-Gzejjer, ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' omississ imwielda fit-3 ta' Dicembru, 2003.

Il-Qorti giet mitluba f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-udjenza ta' nhar is-26 ta' Novembru, 2019 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat il-provi.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li fi zmien li saret il-partecipazzjoni sesswali fil-kawza odjerna l-imputat kien ghadu minorenni.  Il-

Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li mix-xhieda ta' omississ missier il-minuri nvoluta, jirrizulta li l-imputat u l-minuri ghadhom f' relazzjoni flimkien u li l-imputat qed irabbi u jmantni lit-tarbija li twieldet wara l-attivita' sesswali li sehhet bejn l-imputat u l-minuri. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 204C(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-imputat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**